Nru./No. 18,775
Prezz/Price
€4.86

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 8 ta' Lulju, 2011
Friday, 8th July, 2011

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8833 - 8837
Government Notices ..... *8833 - 8837*

Avviż tal-Pulizija ..... 8837 - 8843
Police Notice ..... *8837 - 8843*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 8844 - 8845
Employment Opportunities ..... *8844 - 8845*

Avviżi tal-Gvern ..... 8846 - 8885
Notices ..... *8846 - 8885*

Offerti ..... 8885 - 8922
Tenders ..... *8885 - 8922*

Avviżi tal-Qorti ..... 8923 - 8936
Court Notices ..... *8923 - 8936*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 624

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skont u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-8 ta' Lulju, 2011
(File No. L91/2011)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Ħaż-Żebbuġ:–

L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 50 metru twila, 0.6 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 1,559 metru kwadru, liema għalqa tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Jagem Ltd, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Joero Ltd u Jagem Ltd u mil-Lvant ma' proprjetà ta' nies mhux magħrufa.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta mmarkata P.D.2011_312, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

Is-6 ta' Ġunju, 2011

GOVERNMENT NOTICES

No. 624

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

8th July, 2011

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Ħaż-Żebbuġ:–

The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 50 metres long, 0.6 metres wide and 1.5 metres deep and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 1,559 square metres, which field is bounded on the North by property of Jagem Ltd, on the North West by property of Joero Ltd and Jagem Ltd and on the East by property of unknown persons.

The above mentioned land is shown on plan marked P.D.2011_312, which may be viewed on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

6th June, 2011

Nru. 625

ATT DWAR IS-SERVIZZI TAL-IMPJIEG U T-TAĦRIĠ TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ (KAP.343)

Ħatra tal-Bord tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 6 tal-Att dwar is-Servizzi tal-Impjieg u t-Taħriġ, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja approvat il-ħatra tal-Bord tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ, għal perjodu ta' sena b'seħħ mid-27 ta' Ġunju, 2011, kif ġej:

Chairperson
Dott. Sandra Sladden, LL.D., Adv. Trib. Eccl. Melit.

Viċi Chairperson
Is Sur Natalino Caruana De Brincat, B.A. (Hons.), Dip (Inf.Sys.), MBA (Leicester)

Membri
Is-Sinj. Marvic Attard, B.A. (Hons.) Econ, MBA. (Grenoble)
Is-Sur Alfred Bezzina, B.A. Gen., D.E.A.M
Is-Sinj. Greta Bugeja, B.Pharm. (Hons.)
Dott Charlotte Camilleri
Is-Sur Louis Cuschieri, B.A.
Is-Sur George Galea
Is-Sinj. Philo Meli, B.A. (Hons.) Econ.
Is-Sur James Pearsall, M.Sc. (Trng.&Perf.) Leicester
Is-Sur Gejtu Tanti

It-8 ta' Lulju, 2011

Nru. 626

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 529 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,764 tal-14 ta' Ġunju, 2011 f'paġna 8163, ngħarrfu illi in-numru tal-*file* għandu jkun A4464/97 u mhux L4464/97.

It-8 ta' Lulju, 2011

No. 625

EMPLOYMENT AND TRAINING SERVICE ACT (CAP.372)

Appointment of the Board of the Employment and Training Corporation

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 6 of the Employment and Training Services Act, and for the purpose of that Act, the Minister of Education, Employment and the Family has approved the appointment of the Board of the Employment and Training Corporation, for a period of one year with effect from the 27th June, 2011, as follows:

Chairperson
Dr Sandra Sladden, LL.D., Adv. Trib. Eccl. Melit.

Vice Chairperson
Mr Natalino Caruana De Brincat, B.A. (Hons.), Dip (Inf. Sys.), MBA (Leicester)

Members
Ms Marvic Attard, B.A. (Hons.) Econ, MBA. (Grenoble)
Mr Alfred Bezzina, B.A. Gen., D.E.A.M
Ms Greta Bugeja, B.Pharm. (Hons.)
Dr Charlotte Camilleri
Mr Louis Cuschieri, B.A.
Mr George Galea
Ms Philo Meli, B.A. (Hons.) Econ.
Mr James Pearsall, M.Sc. (Trng.&Perf.) Leicester
Mr Gejtu Tanti

8th July, 2011

No. 626

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

WITH reference to Government Notice No. 529 published in Government Gazette No. 18,764 of the 14th June, 2011 on page 8163, it is notified that the file number should read A4464/97 and not L4464/97.

8th July, 2011

Nru. 627

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet in konsiderazzjoni b'mod suffiċenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux ser iżżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza:	PA 02359/10
Post:	Sit fil-Moll tal-Kalkara, Il-Kalkara
Proposta:	Stallazzjoni ta' puntuni temporanji

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kienet sottomessa lill-Awtorità fit-23 ta' Mejju 2011 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fl-4 ta' Ġunju 2011.

No. 627

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number:	PA 02359/10
Location:	Site at Kalkara Wharf, Il-Kalkara
Proposal:	Installation of temporary pontoons

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 23rd May 2011 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 4th June 2011.

Impatti potenzjali *Potential Impact*	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** *Remarks on mitigation measures, etc.*
Ekoloġija	L-istudju li sar ma sab ebda speċi jew ekosistemi li huma protetti skont il-liġijiet lokali u/jew tal-UE, u għalhekk m'humiex previsti l-ebda impatti sinifikanti fuq l-ekoloġija.
Ecology	*The commissioned survey did not encounter any species or ecosystems that are protected under local and/or EU legislation, and thus no significant impacts on ecology are envisaged.*
Tinġis tal-ilma	Il-proġett jikkwalifika għall-permess li jirregola l-operat, li għandu jindirizza l-ġestjoni tal-iskart, ir-rimi ta' skart likwidu (inkluż il-monitoraġġ ta' rimi fil-baħar), emissjonijiet oħra, il-ħażna ta' materjali (partikolarment likwidi), il-manutenzjoni ta' tagħmir tan-navigazzjoni, eċċ. Jinħtieġu miżuri li jnaqqsu kemm jista' jkun it-tqanqil tal-ħama.

Water contamination	*The project qualifies for an operational permit that will address waste management, effluent discharges (including the monitoring of discharges into the sea), other emissions, storage of materials (particularly liquids), maintenance of navigational equipment, etc. Mitigation measures are required in order to reduce sediment disturbance as much as possible.*
Aspetti oħra	Il-marina mhix se tkun tintuża matul is-sena sħiħa, imma l-puntuni jkunu disponibbli biss għal numru ta' xhur fi sena (skont il-kundizzjonijiet tat-temp), u għalhekk l-ebda lqugħ jew proġetti oħra li jibdlu l-għamla tal-kosta m'huma qed jitqiesu. Mhux mistenni ebda tibdil sinifikanti fid-dinamika taċ-ċirkolazzjoni tal-ilma fil-post.
Other aspects	*The marina is not an all-year-round marina, but a series of pontoons that would function for a number of months each year (depending on weather conditions), and thus no breakwaters or other coastal engineering projects are considered. There are no implied significant changes to the water circulation dynamics of the area.*
Arkeoloġija	Minħabba li s-sit jinsab fil-Port il-Kbir, jista' jkun hemm xi fdalijiet arkeoloġiċi fil-ħama ta' qiegħ il-baħar. Dan se jkun mistħarreġ permezz ta' studju arkeoloġiku separat li ser jindirizza l-impatti li jista' jħalli l-proġett.
Archaeology	*Since the site lies within the Grand Harbour, archaeological artefacts may exist in the bottom sediment. This will be investigated through a separate archaeological study, which shall also address any impacts of the project.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

It-8 ta' Lulju, 2011

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

8th July, 2011

Nru. 628

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
615	'Pear Mansions', Triq Filippu Farrugia, Żurrieq	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	01/07/2011

Dott. Keith Francis German, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

It-8 ta' Lulju, 2011

No. 628

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Dr Keith Francis German, LL.D.
Land Registrar

8th July, 2011

Nru. 629

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U INVESTIMENT

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-regolament 13 (1) (b) tat-Tlettax-il Skeda (Riċevuti Fiskali) tal-Att tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, 1998, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jgħarraf illi t-tip ta' sistemi fiskali u *register* fiskali skont kif jihdru hawn taħt ġew approvati:-

Marka *Brand*	Mudell *Model*	Bejjiegħ *Supplier*
RCH	SG Mini_FLEA-A	SG Solutions Ltd, Triq Dun Karm, Birkirkara By-Pass Birkirkara

It-8 ta' Lulju, 2011

No. 629

MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

IN exercise of the powers conferred by regulation 13 (1) (b) of the Thirteenth Schedule (Fiscal Receipts) of the Value Added Tax Act 1998, the Commissioner of Value Added Tax hereby notifies that the following fiscal systems and fiscal register have been approved:-

8th July, 2011

Nru. 630

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
8. 7. 2011	€34.338	€0.821

It-8 ta' Lulju, 2011

No. 630

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

8th July, 2011

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 73

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 73

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

L-Imġarr

Nhar is-Sibt, is-6 ta' Awwissu, 2011, bejn il-5.00 p.m. u l-11.00 p.m. minn Triq Kurat Chetcuti u Wesgħat il-Ġublew.

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Awwissu, 2011, bejn is-6.00 p.m. u l-11.00 p.m. minn Triq Fisher, Kurat Chetcuti u Wesgħat il-Ġublew.

Nhar it-Tlieta, id-9 ta' Awwissu, 2011, bejn is-6.00 p.m. u l-11.00 p.m. minn Triq Kurat Chetcuti u Wesgħat il-Ġublew.

Nhar il-Ħamis, il-11 ta' Awwissu, 2011, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl minn Triq Kurat Chetcuti u Wesgħat il-Ġublew.

Nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Awwissu, 2011, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl minn Wesgħat il-Ġublew.

Nhar it-Tlieta, is-16 ta' Awwissu, 2011, bejn il-5.00 p.m. u l-11.00 p.m. minn Triq Kurat Chetcuti u Wesgħat il-Ġublew.

Nhar l-Erbgħa, is-17 ta' Awwissu, 2011, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl minn Triq Kurat Chetcuti u Wesgħat il-Ġublew.

Nhar il-Ħamis, it-18 ta' Awwissu, 2011, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl minn Triq Kurat Chetcuti.

Nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Awwissu, 2011, bejn il-5.00 p.m. u d-9.00 p.m. minn Triq Dun Edgar u Wesgħat il-Ġublew.

Nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Awwissu, 2011, bejn l-10.00 p.m. u s-1.00 a.m. minn Wesgħat il-Ġublew.

Nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Awwissu, 2011, bejn il-5.00 p.m. u s-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Plejju, il-Ganfra, il-Magħkuba, il-Banjijiet Rumani, Fisher, San Pietru, San Pawl, Santa Marija, San Filippu, Sir Harry Luke u Wesgħat il-Ġublew.

Nhar is-Sibt, l-20 ta' Awwissu, 2011, bejn il-5.00 p.m. u s-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Fisher, Sir Harry Luke, San Pawl, Dun Edgar u Wesgħat il-Ġublew.

Nhar il-Ħadd, il-21 ta' Awwissu, 2011, bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m. minn Wesgħat il-Ġublew.

Nhar il-Ħadd, il-21 ta' Awwissu, 2011, bejn it-3.00 p.m. u s-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Fisher, Vitale, San Pawl, Sir Harry Luke u Wesgħat il-Ġublew.

L-Imġarr

On Saturday, 6th August, 2011, between 5.00 p.m. and 11.00 p.m. through Triq Kurat Chetcuti and Wesgħat il-Ġublew.

On Monday, 8th August, 2011, between 6.00 p.m. and 11.00 p.m. through Triq Fisher, Kurat Chetcuti and Wesgħat il-Ġublew.

On Tuesday, 9th August, 2011, between 6.00 p.m. and 11.00 p.m. through Triq Kurat Chetcuti and Wesgħat il-Ġublew.

On Thursday, 11th August, 2011, between 6.00 p.m. and midnight through Triq Kurat Chetcuti and Wesgħat il-Ġublew.

On Friday, 12th August, 2011, between 6.00 p.m. and midnight through Wesgħat il-Ġublew.

On Tuesday, 16th August, 2011, between 5.00 p.m. and 11.00 p.m. through Triq Kurat Chetcuti and Wesgħat il-Ġublew.

On Wednesday, 17th August, 2011, between 6.00 p.m. and midnight through Triq Kurat Chetcuti and Wesgħat il-Ġublew.

On Thursday, 18th August, 2011, between 6.00 p.m. and midnight through Triq Kurat Chetcuti.

On Friday, 19th August, 2011, between 5.00 p.m. and 9.00 p.m. through Triq Dun Edgar and Wesgħat il-Ġublew.

On Friday, 19th August, 2011, between 10.00 p.m. and 1.00 a.m. through Wesgħat il-Ġublew.

On Friday, 19th August, 2011, between 5.00 p.m. and 1.00 a.m. through the following streets: il-Plejju, il-Ganfra, il-Magħkuba, il-Banjijiet Rumani, Fisher, San Pietru, San Pawl, Santa Marija, San Filippu, Sir Harry Luke and Wesgħat il-Ġublew.

On Saturday, 20th August, 2011, between 5.00 p.m. and 1.00 a.m. through the following streets: Fisher, Sir Harry Luke, San Pawl, Dun Edgar and Wesgħat il-Ġublew.

On Sunday, 21st August, 2011, between 10.00 a.m. and 1.00 p.m. through Wesgħat il-Ġublew.

On Sunday, 21st August, 2011 between 3.00 p.m. and 1.00 a.m. through the following streets: il-Kbira, Fisher, Vitale, San Pawl, Sir Harry Luke and Wesgħat il-Ġublew.

Il-Furjana

Nhar is-Sibt, id-9 ta' Lulju, 2011 mill-5.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Triq l-Assedju l-Kbir, Triq il-Miratur, Triq il-Moll, il-parkeġġ ta' quddiem il-Phoenicia Hotel ballroom fi Triq l-Assedju l-Kbir, Pjazza San Publju, Triq Sarria, il-madwar tal-Monument tal-Gwerra, Triq Nazzjonali inkluż taħt is-siġar iż-żewġ karreġġjati, Triq J Lopez u Triq l-Isqof Mauro Caruana.

Nhar is-Sibt, id-9 ta' Lulju 2011, mis-1.00 p.m. sal-5.00 a.m. tal-Ħadd 10 ta' Lulju 2011 minn Triq Sarria.

Sa nofsinhar tal-Erbgħa 27 ta' Lulju 2011 minn Triq San Publju kantuniera minn Triq l-Assedju l-Kbir.

Nhar is-Sibt, id-9 ta' Lulju 2011, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, it-traffiku li jkun ġej minn Triq Marina fid-direzzjoni lejn Il-Furjana se jkun jista' jgħaddi biss minn Triq l-Indipendenza, Il-Pietà.

Nhar is-Sibt, id-9 ta' Lujlu 2011, mill-5.00 p.m. 'il quddiem Triq Sa Maison u Xatt it-Tiben se jkunu miftuħa għat-traffiku f'direzzjoni waħda mill-Furjana lejn Il-Pietà.

L-Imsida

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' Lulju 2011 fis-Swatar matul il-ħinijiet li ġejjin: mid-9.00 a.m. sad-9.10 a.m., nofsinhar sa 12.10 p.m., 7.15 p.m sat-7.45 p.m. u mid-9.00 p.m. sad-9.30 p.m. It-trasport pubbliku mhux se jiġi affettwat.

Nhar it-Tlieta, it-12 ta' Lulju 2011 mis-6.00 p.m. sat-8.30 p.m. huwa pprojbit il-parkeġġ fi Triq il-Parroċċa. It-trasport pubbliku mhux se jiġi affettwat.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Lulju 2011 fis-Swatar matul il-ħinijiet li ġejjin: mit-8.00 a.m. sad-9.00 a.m., nofsinhar sal-12.15 p.m. u mid-9.15 p.m. sal-9.40 p.m.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Lulju 2011 mill-11.30 p.m. sa nofsillejl huwa pprojbit il-parkeġġ f'Misraħ il-5 ta' Ottubru.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Lulju 2011 mit-8.30 p.m. sal-00.15 a.m. mit-toroq li ġejjin: l-Irmiġġ, Garcin, il-Karozzin, Clarence, Misraħ il-Barrieri, John Borg, Misraħ G. Debono, il-Baċir, Bordin, San Ġużepp, il-Qrejten, Bordin, l-Ursolini u St Joseph Drive. It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Lulju 2011 fis-Swatar matul il-ħinijiet li ġejjin: mit-8.00 a.m. sad-9.00 a.m., nofsinhar sal-12.15 p.m. u mid-9.15 p.m. sal-9.40 p.m.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Lulju 2011 mill-11.30 p.m. sa nofsillejl huwa pprojbit il-parkeġġ f'Misraħ il-5 ta' Ottubru.

Il-Furjana

On Saturday, 9th July, 2011 from 5.00 a.m. onwards through the following streets: Triq l-Assedju l-Kbir, Triq il-Miratur, Triq il-Moll, the parking area opposite the Phoenicia Hotel ballroom in Triq l-Assedju l-Kbir, Pjazza San Publju, Triq Sarria, War Memorial Area, Triq Nazzjonali including under the trees both carriage ways, Triq J Lopez and Triq l-Isqof Mauro Caruana.

On Saturday, 9th July 2011, from 1.00 p.m. till 5.00 a.m on Sunday 10th July 2011, through Triq Sarria.

Up to Wednesday 27th July 2011 at noon, through Triq San Publju c/w Triq l-Assedju l-Kbir.

On Saturday, 9th July 2011, from 5.00 p.m. onwards, vehicular traffic from Triq il-Marina, in the direction towards Il-Furjana will be diverted through Triq l-Indipendenza, Il-Pietà.

On Saturday, 9th July 2011, from 5.00 p.m. onwards Triq Sa Maison and Hay Wharf will be open to one-way traffic from Il-Furjana towards Il-Pietà.

L-Imsida

On Sunday, 10th July 2011 at Is-Swatar during the following times: 9.00 a.m. to 9.10 a.m., noon to 12.10 p.m., 7.15 p.m to 7.45 p.m. and 9.00 p.m. to 9.30 p.m. Public transport will not be effected.

On Tuesday, 12th July 2011 from 6.00 p.m. to 8.30 p.m. no parking is allowed in Triq il-Parroċċa. Public transport will not be effected.

On Wednesday, 13th July 2011 at Is-Swatar during the following times: 8.00 a.m. to 9.00 a.m., noon to 12.15 p.m., and 9.15 p.m. to 9.40 p.m.

On Wednesday, 13th July 2011 from 11.30 p.m. to midnight no parking is allowed in Misraħ il-5 ta' Ottubru.

On Wednesday, 13th July 2011 from 8.30 p.m. to 00.15 a.m. through the following streets: l-Irmiġġ, Garcin, il-Karozzin, Clarence, Misraħ il-Barrieri, John Borg, Misraħ G. Debono, il-Baċir, Bordin, San Ġużepp, il-Qrejten, Bordin, l-Ursolini and St Joseph Drive. Public transport will be effected.

On Thursday, 14th July 2011 at Is-Swatar during the following times: 8.00 a.m. to 9.00 a.m., noon to 12.15 p.m., and 9.15 p.m. to 9.40 p.m.

On Thursday, 14th July 2011 from 11.30 p.m. to midnight no parking is allowed in Misraħ il-5 ta' Ottubru.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Lulju 2011 mit-8.30 p.m. sal-00.15 a.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Gacchino Navarro, il-Knisja, Antonio Sciortino, il-Makna tas-Serrar, Rue D'Argens, Johnny Catania, il-Ġdida u Antonio Bosio. It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Lulju 2011 fis-Swatar matul il-ħinijiet li ġejjin: mit-8.00 a.m. sad-9.00 a.m., nofsinhar sal-12.15 p.m. u mid-9.15 p.m. sal-10.00 p.m.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Lulju 2011 minn nofsillejl san-00.30 a.m. huwa pprojbit il-parkeġġ f'Misraħ il-5 ta' Ottubru.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Lulju 2011 mid-9.00 p.m. sas-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Antonio Sciortino, ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, quddiem il-Knisja, il-Kunċizzjoni u l-Wied. It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju 2011 fis-Swatar matul il-ħinijiet li ġejjin: mit-8.00 a.m. sad-9.00 a.m., 11.45 a.m. san-12.15 p.m., 6.30 p.m sas-7.30 p.m. u mid-9.00 p.m. sad-9.30 p.m.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju 2011 mill-11.30 p.m. sas-1.00 a.m. huwa pprojbit il-parkeġġ f'St Joseph Drive.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju 2011 mis-6.30 p.m. sas-6.45 p.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, il-Parroċċa, il-Knisja u Mons. F. Falzon. It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju 2011 mis-7.00 p.m. san-12.30 a.m. minn Triq Ta' Xbiex u St Joseph Drive. It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju 2011 mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Alwiġi, Sant'Antnin, Rue D'Argens, Mons. Dandria, il-Knisja, Antonio Sciortino u x-Xatt ta' Ta' Xbiex. It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Lulju 2011 fis-Swatar matul il-ħinijiet li ġejjin: mit-8.00 a.m. sad-9.00 a.m., 11.45 a.m. sal-12.15 p.m.u mis-7.30 p.m. 'il quddiem.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Lulju 2011 mill-10.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn St Joseph Drive. It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Lulju 2011 mill-10.30 a.m. sas-2.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt ta'Ta' Xbiex, Mons. Dandria, il-Makna tas-Serrar, Antonio Bosio u Rue D'Argens. It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Lulju 2011 mis-7.00 p.m. sal-11.30 p.m. Triq Ta' Xbiex se tkun magħluqa għat-traffiku.

On Thursday, 14th July 2011 from 8.30 p.m. to 00.15 a.m. through the following streets: ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Gacchino Navarro, il-Knisja, Antonio Sciortino, il-Makna tas-Serrar, Rue D'Argens, Johnny Catania, il-Ġdida and Antonio Bosio. Public transport will be effected.

On Friday, 15th July 2011 at Is-Swatar during the following times: 8.00 a.m. to 9.00 a.m., noon to 12.15 p.m., and 9.15 p.m. to 10.00 p.m.

On Friday, 15th July 2011 from midnight to 00.30 a.m. no parking is allowed in Misraħ il-5 ta' Ottubru.

On Friday, 15th July 2011 from 9.00 p.m. to 1.00 a.m. through the following streets: Antonio Sciortino, ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, infront of Church, il-Kunċizzjoni and il-Wied. Public transport will be effected.

On Saturday, 16th July 2011 at Is-Swatar during the following times: 8.00 a.m. to 9.00 a.m., 11.45 a.m. to 12.15 p.m., 6.30 p.m to 7.30 p.m. and 9.30 p.m. to 11.30 p.m.

On Saturday, 16th July 2011 from 11.30 p.m. to 1.00 a.m. no parking is allowed through St Joseph Drive.

On Saturday, 16th July 2011 from 6.30 p.m. to 6.45 p.m. through the following streets: ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, il-Parroċċa, il-Knisja and Mons. F. Falzon. Public transport will be effected.

On Saturday, 16th July 2011 from 7.00 p.m. to 12.30 a.m. through Triq Ta' Xbiex and St Joseph Drive. Public transport will be effected.

On Saturday, 16th July 2011 from 8.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: San Alwiġi, Sant'Antnin, Rue D'Argens, Mons. Dandria, il-Knisja, Antonio Sciortino and ix-Xatt ta' Ta' Xbiex. Public transport will be effected.

On Sunday, 17th July 2011 at Is-Swatar during the following times: 8.00 a.m. to 9.00 a.m., 11.45 a.m. to 12.15 p.m. and from 7.00 p.m. onwards.

On Sunday, 17th July 2011 from 10.00 p.m. to 11.00 p.m. through St Joseph Drive. Public transport will be effected.

On Sunday, 17th July 2011 from 10.30 a.m. to 2.30 p.m. through the following streets: ix-Xatt ta'Ta' Xbiex, Mons.Dandria, il-Makna tas-Serrar, Antonio Bosio and Rue D'Argens. Public transport will be effected.

On Sunday, 17th July 2011 from 7.00 p.m. to 11.30 p.m. Triq Ta' Xbiex will be closed for traffic.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Lulju 2011 mis-7.00 p.m. sal-11.30 p.m.mit-toroq li ġejjin: Antonio Bosio, il-Ġdida, Rue D'Argens, il-Kunċizzjoni, il-Wied, ix-Xatt l-Imsida, il-Baċir, Clarence, il-Qrejten u St Joseph Drive.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Il-pubbliku ġenerali huwa mitlub biex jobdi d-direzzjonijiet li jingħataw u l-iskema l-ġdida tat-traffiku li tkun fis-seħħ matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Ħal Tarxien

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Lulju, 2011, bejn is-1.00 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ is-Suq, Paola, Vjal Simmons, Santa Marija, il-Kbira, Anġlu Mangion, il-Madonna tad-Duttrina, il-Knisja, Palma u Birżebbuġa.

Il-Birgu

Nhar is-Sibt, il-31 ta' Lulju, 2011 mis-6.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, Triq Nestu Laviera, Triq Sant'Antnin, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Triq il-Ħabs l-Antik, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Triq Hilda Tabone, Triq il-Kwartier, Triq Paċifiku Scicluna, Torri ta' San Ġwann u Triq il-Mina l-Kbira.

Nhar is-Sibt, is-6 ta' Awwissu, 2011 mis-6.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Ix-Xatt, Triq il-Kardinal, Misraħ ir-Rebħa, Triq il-Miratur, Triq il-Mandraġġ, Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Palazz tal-Isqof, Triq Arċisqof Gonzi u Torri ta' San Ġwann.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Awwissu, 2011 mis-6.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa u Triq il-Mina l-Kbira.

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Awwissu, 2011 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq San Lawrenz, Triq Nestru Laviera, Triq San Filippu, Triq La Vallette and Triq il-Mina l-Kbira.

Nhar it-Tlieta, id-9 ta' Awwissu, 2011 mis-6.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Triq San Lawrenz, Triq Nestu Laviera, Misraħ ir-Rebħa, Triq il-Mina l-Kbira, Torri ta' San Ġwann, Triq Paċifiku Scicluna, Triq il-Kwartier, Triq Hilda Tabone, Triq Santa Skolastika, Triq San Filippu, Triq l-Osservatur u Triq il-Ħabs l-Antik.

Nhar it-Tlieta, id-9 ta' Awwissu, 2011 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Triq il-Mina l-Kbira, Misraħ ir-Rebħa, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq San Lawrenz, Triq Nestu Laviera, Birgu Marina, Ħdejn it-Toqba tal-Birgu, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Fuq is-Sur, Triq il-Ħabs l-Antik u Triq La Vallette.

On Sunday, 17th July 2011 from 7.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Antonio Bosio, il-Ġdida, Rue D'Argens, il-Kunċizzjoni, il-Wied, ix-Xatt l-Imsida, il-Baċir, Clarence, il-Qrejten and St Joseph Drive.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

The general public is requested to follow directions given, and new traffic scheme in operation during the said dates and time.

Ħal Tarxien

On Sunday, 17th July, 2011, between 1.00 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ is-Suq, Paola, Vjal Simmons, Santa Marija, il-Kbira, Anġlu Mangion, il-Madonna tad-Duttrina, il-Knisja, Palma and Birżebbuġa.

Il-Birgu

On Saturday, 31st July, 2011 from 6.30 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, Triq Nestu Laviera, Triq Sant'Antnin, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Triq il-Ħabs l-Antik, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Triq Hilda Tabone, Triq il-Kwartier, Triq Paċifiku Scicluna, Torri ta' San Ġwann and Triq il-Mina l-Kbira.

On Saturday, 6th August, 2011 from 6.30 p.m. onwards through the following streets: Ix-Xatt, Triq il-Kardinal, Misraħ ir-Rebħa, Triq il-Miratur, Triq il-Mandraġġ, Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Palazz tal-Isqof, Triq Arċisqof Gonzi and Torri ta' San Ġwann.

On Sunday, 7th August, 2011 from 6.30 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa and Triq il-Mina l-Kbira.

On Monday, 8th August, 2011 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq San Lawrenz, Triq Nestru Laviera, Triq San Filippu, Triq La Vallette and Triq il-Mina l-Kbira.

On Tuesday, 9th August, 2011 from 6.00 a.m. onwards through the following streets: Triq San Lawrenz, Triq Nestu Laviera, Misraħ ir-Rebħa, Triq il-Mina l-Kbira, Torri ta' San Ġwann, Triq Paċifiku Scicluna, Triq il-Kwartier, Triq Hilda Tabone, Triq Santa Skolastika, Triq San Filippu, Triq l-Osservatur and Triq il-Ħabs l-Antik.

On Tuesday, 9th August, 2011 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Triq il-Mina l-Kbira, Misraħ ir-Rebħa, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq San Lawrenz, Triq Nestu Laviera, Birgu Marina, Ħdejn it-Toqba tal-Birgu, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Fuq is-Sur, Triq il-Ħabs l-Antik and Triq La Vallette.

Nhar l-Erbgħa, l-10 ta' Awwissu, 2011 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, id-Daħla ta' quddiem Couvre Porte, Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Kardinal, Triq San Lawrenz, Triq Desain, Triq Sir Pawlu Boffa, Triq Nestru Laviera, Ix-Xatt tal-Birgu (Water Front), Triq La Vallette, Triq Santa Skolastika, Triq Hilda Tabone, Triq il-Kwartieri, Torri ta' San Ġwann, Triq Paċifiku Scicluna, Triq l-Arċisqof Gonzi, Triq San Filippu u Triq Sagra Infermerija.

Nhar il-Ħamis, il-11 ta' Awwissu, 2011 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, Triq il-Mina l-Kbira u Triq San Lawrenz minn ħdejn il-Knisja Parrokkjali sa ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu.

It-8 ta' Lulju, 2011

On Wednesday, 10th August, 2011 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, id-Daħla ta' quddiem Couvre Porte, Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Kardinal, Triq San Lawrenz, Triq Desain, Triq Sir Pawlu Boffa, Triq Nestru Laviera, Ix-Xatt tal-Birgu (Water Front), Triq La Vallette, Triq Santa Skolastika, Triq Hilda Tabone, Triq il-Kwartieri, Torri ta' San Ġwann, Triq Paċifiku Scicluna, Triq l-Arċisqof Gonzi, Triq San Filippu and Triq Sagra Infermerija.

On Thursday, 11th August, 2011 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, Triq il-Mina l-Kbira and Triq San Lawrenz from the Parish Church till Our Lady of Mount Carmel Church.

8th July, 2011

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta skont l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta matul il-perjodu Jannar, Frar u Marzu 2011.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
07.01.11	Arloġġ tal-idejn	PS 1386 A. Agius
07.01.11	Dgħajsa	Paul Grima
07.01.11	Dgħajsa	Carmel Farrugia
14.01.11	Kartiera bil-flus	Joseph Brown
14.01.11	Kamera tar-ritratti	WPC 10 Edith Barbara
14.01.11	Flus	Leonard Callus
28.01.11	Ġiżirana u pendent	Hamish Eric Dempster
18.02.11	Brazzuletta	Henry Alamango
25.02.11	*Mobile phone*	Lizian Sciberras
25.02.11	*Wheel chair*	Dorothy Grech
04.03.11	Kartiera bil-flus	Abdelbagi Clarie
04.03.11	*Mobile phone*	Louis Christina
04.03.11	*CD player*	PC1364 C. Vella
04.03.11	Flus	James Lundstram
04.03.11	Brazzuletta	Elaine Elizabeth White
04.03.11	*Mobile phone*	Edward Vella

It-8 ta' Lulju, 2011

8th July, 2011

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta skont l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta matul il-perjodu April, Mejju u Ġunju 2011.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
01.04.11	Arloġġ tal-idejn	Christina Debattista
08.04.11	Ċurkett	Jane Zammit
08.04.11	Flus	Kevin Magro
15.04.11	Katina	Michael Sledder
15.04.11	*Mobile Phone*	Mary Pisani
15.04.11	Brazzuletta	Therese Bonnici
15.04.11	Kartiera	Pawlina Vassallo
15.04.11	Flus	Maria Vella
15.04.11	Kartiera bil-flus	Margaret Lia
15.04.11	Flus	Andre Demicoli
15.04.11	Ġiżirana	Pauline Muscat
21.04.11	*Phone*	Pc 258 Mario Mallia
29.04.11	Nuċċali	Walter Bugeja
29.04.11	Arloġġ tal-idejn	Joseph Calleja
29.04.11	*Stereo* tal-karozza	PC 429 K. Zammit
06.05.11	*Painting Print*	Ivan (John) Azzopardi
13.05.11	Krozzi	Raymond Portelli
13.05.11	*Digital Camera/Video Camera*	Emanuel Sammut
20.05.11	*Mobile Phone*	Domnic Debrincat
20.05.11	*Remote Control*	Saviour Camilleri
20.05.11	*Mobile Phone*	Charlo Cassar
27.05.11	*Mobile Phone*	Rita Calleja
27.05.11	Flus	PS 478 Neville Mercieca
17.06.11	Flus	David Borg
17.06.11	*Bag/car stereo facade/keys*	Paul Albanozzo
17.06.11	Kartiera/Flus	Victor Gabrile
17.06.11	Flus	Emanuel Cachia
24.06.11	*Mobile Phone*	Carmel Mifsud
24.06.11	Flus	Kevin Cassar
27.06.11	*Car stereo/temp equipment*	Insp. Stephen Mallia
29.06.11	*Cement Sacks*	Rabat Police Station

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ jimla l-vakanza li ġejja:

Lecturing Post fl-Istitut Marittimu (Permess tal-ETC 88/2011).

L-applikanti għandu jkollhom:

Kwalifika ta' *Master Mariner* jew kwalifiki oħra ekwivalenti.

Tingħata preferenza lill-applikanti li, ma' waħda minn dawn ta' hawn fuq ikollhom:

Kwalifiki ogħla jew relatati, kif ukoll ta' tagħlim u/jew esperjenza fis-settur marittimu.

Il-kandidat li jintgħażel ikun mistenni li jgħallem:
Chartwork, Navigation, NARAS, General Ship Knowledge, Ship Stability, Cargo Operations, Vessel Handling u suġġetti oħrajn relatati mas-settur marittimu.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tal-MCAST, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-18 ta' Lulju, 2011.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għandhom ikunu indirizzati lid-Direttur Amministrattiv, fl-indirizz li ġej:

Il-Kampus Prinċipali tal-MCAST,
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032
Tel: 2398 7100; *Fax*: 2398 7316
Website: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

It-8 ta' Lulju, 2011

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the following vacancy:

Lecturing Post at the Maritime Institute (ETC Permit 88/2011).

Applicants for the post should be in possession of:

A Master Mariner qualification or other equivalent qualifications

Preference will be given to applicants who, in addition to one of the above have:

Higher or other related qualifications, as well as teaching and/or practical experience in the maritime sector.

The successful candidate may be expected to teach:
Chartwork, Navigation, NARAS, General Ship Knowledge, Ship Stability, Cargo Operations, Vessel Handling and other marine related subjects.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST Application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 18th July, 2011, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to the Administrative Director at:

MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032
Tel: 2398 7100; Fax: 2398 7316
Website: www.mcast.edu.mt

Late or incomplete applications will not be considered.

8th July, 2011

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Applikazzjoni għall-Ingaġġ ta' *On Call Childcare Assistants* mal-Fondazzjoni għal Servizz Edukattivi fuq bażi ta' Kuntratt għal Servizz

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi tilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni interessati u kwalifikati (mill-MCAST jew ETC) sabiex joffru servizz ta' *childcare*.

Dan l-ingaġġ huwa ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm fid-diskrezzjoni tal-Kap Eżekuttiv tal-FES. Il-persuna magħżula tista' ttemm l-ingaġġ tagħha f'kull żmien, iżda għandu jingħata avviż ta' ġimgħa bil-miktub.

L-applikazzjonijiet ma' *Europass CV* għandhom jaslu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Lulju, 2011 f'dan l-indirizz:

Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi
Attn: Ms Marvic Ellul
Kaxxa Postali 1, Ir-Rabat RBT 1000

Tel: (+356) 2145 5600/7
Fax: (+356) 2145 5625
Email: childcarefes.meef@gov.mt

It-8 ta' Lulju, 2011

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Ingaġġ ta' *Childcare Assistants*

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi tilqa' applikazzjonijiet għal *Childcare Assistants*. (Permess tal-ETC Nru: 119/2011; MPO Ref Nru /189/2005/03).

Applikanti għandu jkollhom Diploma Nazzjonali tal-MCAST fil-Kura, Tagħlim u Żvilupp tat-Tfal jew Ċertifikat tal-ETC fil-Kura tat-Tfal (0-5 snin).

L-applikanti kollha għandhom jissottomettu żewġ *character references* mal-applikazzjonijiet.

Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tista' tinkiseb bl-email: (childcarefes.meef@gov.mt).

L-applikazzjonijiet ma' *Europass CV* għandhom jaslu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Lulju, 2011. Tintbagħat irċevuta lill-kandidati eliġibbli biss.

Applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lil:
Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi
Attn: Ms Marvic Ellul
Kaxxa Postali 1, Ir-Rabat RBT 1000

Tel: (+356) 2145 5600/7
Fax: (+356) 2145 5625

It-8 ta' Lulju, 2011

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Call for the Engagement of "On Call" Childcare Assistants in the Foundation for Educational Services on a Contract for Service basis

The Foundation for Educational Services (FES) invites applications from interested individuals, with appropriate qualifications (MCAST or ETC), to offer childcare services.

The engagement is of an entirely temporary nature and may be terminated at the discretion of the Chief Executive Officer. The selected applicant may also terminate his engagement at any time, but one week notice must be given in writing.

Applications with Europass CV are to reach the Foundation by Friday, 15th July, 2011 in the following address:

Foundation for Educational Services,
Attn: Ms Marvic Ellul
P.O.Box 1, Ir-Rabat, RBT 1000

Tel: (+356) 2145 5600/7
Fax: (+356) 2145 5625
Email: childcarefes.meef@gov.mt

8th July, 2011

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Engagement of Chidcare Assistants

The Foundation for Educational Services (FES) invites applications for Childcare Assistants. (ETC Permit No: 119/2011; MPO Ref No: /189/2005/03).

Applicants must be in possession of MCAST National Diploma in Children's Care, Learning and Development or ETC Child Care Certificate (0-5 years).

All applicants are to submit two character references with the applications.

A detailed job description can be obtained through email: (childcarefes.meef@gov.mt).

Applications with Europass CV are to reach the Foundation by Friday, 15th July, 2011. Only eligible applications will be acknowledged.

Applications are to be addressed to:
Foundation for Educational Services,
Attn: Ms Marvic Ellul
P.O. Box 1, Ir-Rabat, RBT 1000

Tel: (+356) 2145 5600/7
Fax: (+356) 2145 5625

8th July, 2011

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI

Notifika ta' Konċentrazzjoni

Skont it-termini tar-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippublikati fl-Avviż Legali 294 tal-2002, l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi notifikazzjoni ta' konċentrazzjoni bejn Amazon.com, INC. u The Book Depository Limited saret u ġiet aċċettata nhar it-Tnejn, 4 ta' Lulju, 2011.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn Amazon.com, INC. ta' kontroll ta' The Book Depository Limited.

Is-settur ekonomiku involut huwa dak ta' bejgħ ta' kotba bl-inmut.

L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet bil-miktub għandhom jaslu għand l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifikazzjoni f'dan l-indirizz:

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni
u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
Uffiċċju għall-Kummerċ Ġust
Triq il-Kanun
Sta Venera, SVR 1411
Malta

It-8 ta' Lulju, 2011

OFFICE FOR COMPETITION

Notification of Concentration

In terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Office for Competition notifies for general information that a notification of a concentration between Amazon.com, INC. and The Book Depository Limited was filed and accepted on Monday, 4th July, 2011.

The nature of the concentration is an acquisition of sole control by Amazon.com, INC. of The Book Depository Limited.

The economic sector involved is the book retail sector.

The Office for Competition invites interested third parties to submit their written observations on this notified concentration.

Such written observations should reach the Office for Competition within seven days following publication of this notification in the Government Gazzette at the following address:

Malta Competition and Consumer
Affairs Authority
Office for Fair Trading
Cannon Road
Sta Venera, SVR 1411
Malta

8th July, 2011

KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA

Lista ta' Differenzi mogħtija mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju, 2011.

Data *Date*	Dettalji tal-Kuntratt *Details of Contract*	Valur Oriġinali tal-Kuntratt *Original Contract Value*	Valur tal-Aħħar tal-Kuntratt *Final Contract Value*
13.5.11	Const. of Wied il-Mielaħ Sewage PS Għarb, Gozo	€852,131.29	€900,269.74

It-8 ta' Lulju, 2011

WATER SERVICES CORPORATION

List of Variations awarded by the Water Services Corporation during the period between 1st January and 30th June, 2011.

8th July, 2011

KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA

Lista ta' kuntratti mogħtija mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2011 u t-30 ta' Ġunju, 2011.

Xogħol jew Provvista *Works or Supply*	Kuntrattur/Min Jieħu l-Offerta *Contractor/Supplier*
15mm rotary piston potable cold water meters	Itron
Cooled centrifuge for bactierology laboratory	Reactilab
Fibreglass reinforced polyester cabinets	ETAS & S Ltd
Hard stone sand in bags	Anġlu Magri
Waste water pump soft starters	ETAS & S Ltd
Submersible pumps and accessories	Gaetano Caruana Ltd
Resilient type gate valves	AFS Ltd
Submersible pumps and accessories	AFS Ltd
	J P Baldacchino & Co Ltd
uPVC pipes (Period Contract)	General Plastics Ltd
Safety shoes (Period Contract)	Suiga Co Ltd
Rubberised bitumen emulsion	Bitmac Ltd
Fitting of tyres onto WSC vehicles	A Montebello Tyres Ltd
Ferric chloride solution	Chimitex SpA
Execution of minor pipe and road works in Malta	Dimbros Ltd
	G A Services Ltd
	Peter Plant Ltd
	Alexander Bugeja
	Owen Borg
	Gordon Ellul
	Power Cut Ltd
	Gordon Ellul
Electrical panels	ETAS & S Ltd
Periodic servicing and certification of health and safety equipment	Alberta FF & SE
Liquid chlorine for borehole	W J Parnis England Ltd
Uninterruptible power supply	Sirap Ltd
Enterprise firewall	Computime Ltd
uPVC pipes	Lucania Resine Srl
Raising of sewer manholes and covers	Road Maintenance Services Ltd
Analytical testing of potable water samples	Ecoserv Ltd/Cada Snc
	PT Matic Env Services Ltd
	Robert Cortis
Ductile iron fittings (Period Contract)	Electrosteel Castings (UK) Ltd
Repair clamps 500mm	Viking Johnson
Sale 'tale quale' of unserviceable water meters	Metalco Ltd
Medical testing and inoculation of WSC employees with HAV	Dr J Portelli Demajo, MD
Nickel iron welding electrodes (Period Contract)	Joseph Bezzina & Co Ltd
Cisco Aironet 1310 Outdoor AP/BR and ancillaries	Melita plc

WATER SERVICES CORPORATION

List of contracts awarded by the Water Services Corporation during the period between 1st January, 2011 and 30th June, 2011.

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Lista ta' offerti mogħtija mis-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa) matul Ġunju 2011.

Natura tal-oġġett *Nature of item*	Kuntrattur *Contractor*
Consumables for Lifepack Defibrillation Model 12 only	Pharma-Cos Ltd - St Venera
Gentamicin 80mg injections	Drugsales Ltd - Lija
Glibenclamide 5mg tablets	Vivian Corporation Ltd - Msida
Liothyronine 20mcg tablets	A Gera & Sons Ltd - Qormi
oriconazole 200mg tablets	Vj Salomone Pharma Ltd - Marsa
Bair Hugger blankets	Medina Healthcare Ltd - San Ġwann
Introducer for Endotracheal tubes	Medina Healthcare Ltd - San Ġwann
Hepatitis B vaccine adult	Cherubino Ltd - Gżira
Amifampridine (3,4-Diaminopyridine) 10mg or 20mg tablets	Cherubino Ltd - Gżira
Erlotinib 100mg tablets/capsules	Cherubino Ltd - Gżira
Human Albumin 4-5% solution	Cherubino Ltd - Gżira
Lactulose oral solution	Galepharma Ltd - Valletta
Carvedilol 6.25mg tablets	Cherubino Ltd - Gzira
Dental cartridges	Cherubino Ltd - Gzira
Ertapenem 1g vials	A.M Mangion Ltd - Luqa
Filgrastim injections	Cherubino Ltd - Gżira
Tavi kits	Drugsales Ltd - Lija
Piperacillin and Tazobactam 4.5g injections	Aenoraris Sa - Greece
Human Albumin 20% 50ml and 100ml	George Borg Barthet Ltd - Luqa
Atropine Sulphate 1% eye drops	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Antibodies for breast cancer	Cherubino Ltd - Gżira
Charnely Acetacular cups	A.M Mangion Ltd - Luqa
Phenytoin oral suspension	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
pirubicin 10mg and 50mg injections	Accord Healthcare Ltd - UK
Nortriptyline 25mg tablets	Vivian Corporation Ltd - Msida
Salmeterol/Formoterol inhaler	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Lamotrigine 25mg tablets	Alfred Gera & Sons Ltd - Qormi
Oxygen flowmeters	Multigas Ltd, Kirkop
Water for injection x 10ml	A.M Mangion Ltd - Luqa
Risperidone 1mg/Ml syrup	A.M Mangion Ltd - Luqa
Testosterone Undecanoate 1g vials	Alfred Gera & Sons Ltd - Qormi
Home Choice bags and accessories	Drugsales Ltd - Lija
Baclofen 25mg tablets	Medicem Ltd - Marsakala
Sterile penrose drains	Associated Equipment Ltd - San Ġwann
Debakey liddicoat vascular forceps	A.M Mangion Ltd - Luqa
Triple Lumen ERCP Sphincterotome kits	Charles De Giorgio Ltd - Birkirkara
Enteral feeding sets with bags	Pemix Ltd - Mosta
Vicryl Rapide G2/0 sutures	A.M. Mangion Ltd - Luqa
Two Staged Extracorporeal cannulae	Technoline Ltd - St Venera
Trans vaginal tape	A.M Mangion Ltd - Luqa
Coagulation Reagents with two analysers on loan	Technoline Ltd - St Venera
Prolene 5/0 W527	A.M Mangion Ltd - Luqa
Amioxycillin and Clavulanic Acid 1.2g injections	A Gera & Sons Ltd - Qormi
Flow Track for Vigileo Monitor	Drugsales Ltd - Lija
Amiodarone Hydrochloride 200mg tablets	Accord Healthcare Ltd - UK
